# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' Ġunju 2025**

**Rikors Numru 226/2019/3 FDP**

Fl-ismijiet

**It-Tabib Bjorn Mario Buhagiar (K.I: 263182M)**

**Vs**

**Cynthia Buhagiar (K.I: 594783M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datat 27 ta' Settembru 2019 li permezz tiegħu l-attur talab is-segwenti:

    1. *ILLI fit-3 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-esponenti u l-intimata ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli (Dok A anness) fir-rigward taż-żwieġ tagħhom liema kuntratt l-esponent qed jitlob li għandu jiġi rrevokat għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati permezz ta' dan ir-rikors ġuramentat kif ukoll fil-mori ta' din il-kawża;*

    2. *ILLI dan il-kuntratt ġie ffirmat wara li l-esponent ħass li ż-żwieġ tal-partijiet ma kienx qiegħed sejjer tajjeb u wara li huwa beda jħoss ċertu konflitti fl-orjentament sesswali tiegħu;*

    3. *ILLI meta hu, b'sens ta' lealta' lejn l-intimata kien iddiskuta magħha dan kollu, din indikat li kienet lesta illi jisseparaw diment pero' li s-separazzjoni ssir skont it-termini u kundizzjonijiet li hija kienet ser timponi, b'dan illi hedditu li fin-nuqqas, u ċioe' f'każ illi huwa ma jbaxxix rasu għal dak pretiż minnha, l-esponent kien ikollu jispiċċa jaffaċċja lill-intimata f'kawża fejn dak kollu li kellu x'jaqsam mal-orjentantament sesswali tiegħu kien jinkixef minnha;*

4. *ILLI rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni xejn feliċi, l-esponent spiċċa jbaxxi rasu għat-termini u kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-intimata meta ġie biex isir kuntratt ta' separazzjoni mingħajr l-anqas biss irrikorra għal assistenza legali kif ukoll dettat mill-intimata li ppretendiet u hekk għadda tagħha, li l-esponenti jmur għand l-avukat tagħha proprju għaliex kien hekk mhedded mill-intimata;*

5. *ILLI f'dan ir-rigward l-esponent jispjega li ovvjament huwa beża' li jgħaddi minn dan kollu, kemm minħabba r-riperkussjonijiet li din il-kwistjoni dwar l-orjentament sesswali tiegħu kien ikollha l-ewwel u qabel kollox fil-konfront ta' wliedu li għad għandhom 10 snin u 8 snin rispettivament kif ukoll minħabba l-impatt li dak kollu li seta' jiġi svelat seta' anki jkollu fuq il-professjoni tiegħu ta' tabib li jaħdem għar-rasu;*

6. *ILLI konsegwenza ta' dan it-theddid u biża' li spiċċa soġġettat għalihom l-esponent, il-kuntratt ta' separazzjoni, kif jirriżulta kjarament minnu, hu wieħed fejn l-esponent fost oħrajn irid iħallas manteniment esorbitanti ta' elf, mitejn u ħamsin Ewro (€1,250) għal kull wild kull erbgħa ġimgħat bil-konsegwenza li dan spiċċa qed iħallas manteniment ta' elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) kull erbgħa ġimgħat [u dunque tlettax-il pagament fis-sena] meta l-ulied jattendu skola tal-istat u l-bżonnijiet mediċi kollha jieħu ħsiebhom l-esponenti missier li kif ġja ntqal huwa tabib:*

7. *ILLI fl-istess waqt, l-esponent spiċċa jbaxxi rasu għal termini u kundizzjonijiet oħra fl-istess kuntratt ta' separazzjoni li ma kinux jirriflettu dak li huwa verament kien dispost li jikkonċedi inkluż fost oħrajn aċċess għaż-żewġ uliedu minuri aħjar, kif ukoll il-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti fosthom il-mod kif tqassmu l-immobbli bejn il-partijiet u obbliġi oħra li ġew assunti minnu in konnessjoni ma' l-istess immobbli fosthom somma konsiderevoli ta' flus li obbliga ruħu li jiffinanzja lill-intimata kull xahar biex jitlestew żewġ appartamenti bl-għamara b'kollox ħalli jinkrew mill-konvenuta martu, kif ukoll in konnessjoni mad-djun kollha bankarji li kellhom il-partijiet li spiċċa assumiehom l-esponenti waħdu, li għal darb'oħra kienu konsiderevolment żbilanċjati u kontra l-interessi tiegħu;*

8. *ILLI f'dan ir-rigward issir referenza għall-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) li jipprovdi li:*

   > *974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.*

   *Kif ukoll l-artikolu 979 (1) li jipprovdi li:*

   > *979. (1) Il-vjolenza hija motiv ta' nullità tal-kuntratt, ukoll meta d-deni mhedded ikun dirett biex jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ tal-mara, jew tar-raġel, jew ta' dixxendent, jew ta' axxendent tal-parti li tikkuntratta.*

9. *ILLI f'dan ir-rigward issir referenza wkoll għall-Artikolu 1730 tal-istess Kodiċi Ċivili li jipprovdi li:*

*1730. (1) Iżda, transazzjoni tista' tiġi rexxissa jekk ikun hemm żball dwar il-persuna li magħha sar il-ftehim, jew dwar il-ħaġa li kienet l-oġġett tal-kwistjoni li fuqha l-partijiet kellhom il-ħsieb li jittransiġu.*

*(2) It-transazzjoni tista' tiġi rexxissa kull meta jkun hemm għemil doluż jew vjolenza.*

*Liema artikolu għandu wkoll jitqies applikabbli minħabba l-vjolenza psikoloġika li l-esponent ġie assoġġettat għaliha riżultanti mit-theddid imsemmi aktar 'il fuq kif ukoll minħabba dak hawn taħt indikat;*

10. *ILLI f'dan ir-rigward l-esponent jispjega li wara li fiċ-ċirkostanzi prevalenti ġie firmat l-istess kuntratt ta' separazzjoni, skopra wkoll li fil-fatt, il-konvenuta kienet qiegħda tikkommetti adulterju flagranti ma' persuna li l-identita' tagħha hija ben magħrufa u ċioe' ċertu Alistair Spiteri fil-konfront tal-esponenti u fil-presenza ta' wliedu minnu qabel ma' dawn għaddew sabiex jisseparaw u li b'hekk effettivament hija kienet irrendiet ruħha ħatja għat-tkissir tal-istess żwieġ bil-konsegwenzi kollha li dan il-fatt kellu proprju jwassal għalih li kieku s-separazzjoni tal-partijiet u l-kuntratt de quo ma kienx sar a bażi ta' kunsens ivvizzjat li l-esponent kellu frott tal-biża' u theddid li huwa kien ġie soġġettat għalih;*

11. *ILLI b'hekk fil-mument li l-esponent deher għall-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, huwa mhux biss kien qed jiffirma u jagħti l-kunsens tiegħu a bażi ta' kunsens li kien ivvizzjat mill-biża' u theddid li hu kien soġġettat għalih iżda wkoll a bażi ta' ingann li huwa kien vittma tiegħu hekk kif huwa ma kienx jaf bir-relazzjoni adultera li l-intimata kienet ikkomettiet fil-konfront tiegħu u għadha għaddejja biha fil-presenza tal-ulied minuri li saħansitra riċentament sa siefru flimkien bħala familja fuq vaganza lejn Euro Disney f'Pariġi;*

12. *ILLI kien biss wara li ġie ffirmat l-istess kuntratt ta' separazzjoni li l-esponent ġieh il-kuraġġ li jiftaħ qalbu mal-ġenituri tiegħu dwar dak kollu li huwa kien għadda minnu u dwar it-termini u kundizzjonijiet żbilanċjati li ġew imposti fuqu permezz tal-kuntratt ta' Separazzjoni tat-3 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-Atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli, fejn huwa rrealizza li dak li huwa kien ġie soġġettat għalih kien tassew inġust u motivat biss mill-biża' u theddid da parti tal-konvenuta martu kif ukoll missierha;*

13. *ILLI tenut kont ta' dan kollu hawn fuq indikat, u dak kollu li jkun jista' jiġi spjegat f'aktar dettal matul il-mori ta' din il-kawża, l-attur iħoss li għandhom jitqiesu li hemm raġunijiet validi sabiex iħassru u jirrixxindu l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet jew ta' dawk il-partijiet li qed jiġu mpunjati minħabba d-difett fil-kunsens tiegħu;*

14. *ILLI minkejja li l-esponent talab lill-intimata sabiex hija tersaq għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet jew sabiex ta' l-inqas jiġu emendati dawk il-partijiet li kienu saru kontra l-kunsens liberu ta' l-esponent, l-intimata baqgħat inadempjenti;*

*15. ILLI għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*GĦALDAQSTANT in vista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil din 1-Onorabbli*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-kunsens ta' l-attur fuq il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet tat-3 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-Atti tan-Nutar Dr.Francesca Portelli kien ivvizzjat minħabba biża' u theddid li sofra l-attur mingħand il-konvenuta kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' għarfien ta' fatti li ġew a konjizzioni tiegħu wara li ġie ffirmat l-istess kuntratt;*

2. *Tħassar, tirrevoka u tirrexxindi l-istess Kuntratt ta' Separazzjoni tat-3 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), f-Atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli raġunijiet kollha ndikati f'dan ir-rikors ġuramentat u dawk li ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża;*

3. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-partijiet kontendenti b'riżultat tal-adulterju flagranti kommess mill-konvenuta fil-konfront ta' żewġha l-esponent kif fuq jingħad, u għal dan il-għan tistabilixxi d-data li fiha l-konvenuta għandha tiġi konsiderata li rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju;*

4. *Tiddeċiedi li b'effett mid-data li fiha jiġi hekk stabbilit, il-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' adulterju;*

5. *Tapplika kontra l-konvenuta id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et. seq. tal-Kapitoli 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kap 16);*

6. *Tiddikjara x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna l-likwidazzjoni, diviżjoni u/jew assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'żewġ partijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod li l-konvenuta titlef possibilment kull jedd li għandha fuq nofs l-akkwist ta' kwalsiasi propjeta' mixtrija mill-partijiet flimkien;*

7. *Tvarja l-manteniment li ġie mpost fuq l-attur għal uliedu mis-somom eżorbitanti ndikati fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet tat-3 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-Atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli għal somma ta' manteniment normali u raġjonevoli li tkun ġusta u adegwata fiċ-ċirkostanzi;*

8. *Tvarja kwalsiasi kundizzjoni oħra li seta' ġie soġġettat għaliha l-attur fosthom l-aċċess għall-uliedu minuri a bażi tal-istess kuntratt ta' separazzjoni tat-3 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-Atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli a bażi tal-kunsens ivvizjat tiegħu;*

9. *Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-25 ta’ Novembru 2019 l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiża:

    1. *Illi hija ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti fl-4 ta' Novembru, 2019 u qiegħda tirrispondi entro t-terminu ta' għoxrin (20) ġurnata kif mitluba tagħmel minn din l-Onorabbli Qorti;*

    2. *Illi preliminarjament hija teċċepixxi l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti biex tiddeċiedi l-mertu ta' dan ir-rikors ġuramentat stante illi huwa msejjes fuq disposizzjonijiet tal-liġi li jeżorbitaw mill-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti kif stabbilita u delineata bl-Avviż Legali 9/2004 f’ regolament 4;*

    3. *Illi hija tirrileva illi fil-ġurisprudenza nostrana "... in tema legali jiġi osservat bħala regola 'il-kompetenza hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija, mit-termini tal-azzjoni attriċi. Huwa l-att promutur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita' l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha' [App.C.Frankie Refalo vs Jason Azzopardi - 7.10.1997]" (Ara AB vs CB deċiza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta' Marzu, 2007)*

    4. *Illi stante s-suespost u stante illi t-talba tal-attur illi fuqha huma mibnija t-talbiet l-oħra hija sabiex 'tħassar, tirrevoka u tirrexindi ... Kuntratt ta' Separazzjoni tat-3 ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-Atti tan-Nutar Francesca Portelli ...', kif tra l'altro joħroġ ċar mill-premessi u t-talbiet tar-rikors kif ukoll mir-referenzi għall-artikoli tal-liġi ċitati, din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni;*

    5. *Illi kif ritenut fis-sentenza Bugeja Emanuel vs Bugeia Mary Rose et deċiża fl-4 ta' Lulju 2002 mill-Onor Prim' Awla tal-Qorti Ċivili "... li allura ssegwi li għal kull provvediment ieħor, inkluż biex jitħassar jew jiġi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wieħed irid jipproċedi taħt id-dispożizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in ġenerali quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili, li għandha kompetenza ġenerali, ħlief jekk provdut b'mod ieħor b'xi liġi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura ċivili u kummerċjali."*

    6. *Illi minn dan kif ukoll mid-deċiżjonijiet bħal dik fl-ismijiet Tanti Sylvana vs Noel Tanti, Antoine Tanti u Maria Perrett deċiża fit-30 ta' Jannar, 2009 mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim' Awla li fiha nsibu suċċintement miktub illi “F'każ ta' talba għall-rexissjoni ta’ kuntratt jew skrittura, l-kompetenza hija tal-Prim’ Awla u mhux tal-Qorti tal-Familja ...” joħroġ ċar illi l-Qorti kompetenti hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u mhux din l-Onorabbi Qorti.*

    7. *Illi subordinarjament għall-eċċezzjoni mqajma aktar il-fuq, iżda xorta b'mod preliminari, ir-rikors fil-kumplament tat-talbiet tiegħu, u ċioe, f’dawk it-talbiet anċillari għat-talba prinċipali tar-rexizzjoni tal-kuntratt, senjatament it-talbiet biex tiġi ddikjarata u pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet u t-talbiet sussegwenti, huwa null stante illi ma*

*ġewx osservati d-dettami tal-Avviż Legali 397 tal-2003 kif emendat fejn, fejn tra l'altro hija meħtieġa preżentata ta' ittra ndirizzata lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex il-Qorti tawtorizza l-partijiet biex jipproċedu għas-separazzjoni personali, liema awtorizzazzjoni qatt ma ntalbet fil-kawża odjerna;*

8. *Illi fl-ebda istant il-liġi ma tagħmel eċċezzjoni f'każijiet simili sabiex il-partijiet jew minn minnhom jiġu eżentati mill-osservanza tal-proċedura solita li tinkludi wkoll illi l-partijiet jidhru quddiem medjatur;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġuni illi l-kuntratt ta' separazzjoni illi għalih qed issir referenza fir-rikors promutur għandu r-rekwiżiti kollha essenzjali u kien magħmul taħt dawk il-kundizzjonijiet illi jagħmlu kuntratt wieħed validu fil-liġi;*

10. *Illi l-imsemmi kuntratt iffirmat mill-kontendenti quddiem in-Nutar Francesca Portelli huwa validu fl-intier tiegħu;*

11. *Illi l-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-kuntratt ta' separazzjoni huma kollha kundizzjonijiet illi ġew maqbula bejn il-partijiet u dan anke wara li ġew spjegati wkoll min-nutar u ma hemm l-ebda element illi skont il-liġi wassal sabiex dan il-kuntratt jew partijiet minnu jiġu dikjarati nulli;*

12. *Illi m'huwiex minnu illi l-imsemmi kuntratt kien ivizzjat minħabba biża u theddid li sofra l-attur mingħand il-konvenuta kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' din il-kawża, jekk ikun il-każ;*

13. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-allegat nuqqas ta' għarfien ta' fatti li ġew a konjizzjoni tal-attur wara li ġie ffirmat l-istess kuntratt ma tinċidix fuq il-validita' o meno tal-imsemmi kuntratt stante illi klawsola 42 tgħid illi 'dan il-ftehim jibqa' validu, viġenti u effettiv bejn il-partijiet f'kull eventwalita'...' u l-istess klawsola tgħaddi wkoll biex issemmi 'raġunijiet ta' eżistenti kif ukoll għal xi raġuni supervenjenti..' li wkoll addizzjonalment tagħti x'tifhem illi anka li kieku kellu jkun minnu dak li qed jallega l-attur, li mhux, xorta tali kuntratt kien ikun validu għaliex il-partijiet ikkuntrattaw kontra n-nullita' f'din l-eventwalita';*

14. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrespinġi l-akkużi ta' adulterju li saru kontriha u li l-attur qiegħed jallega li seħħew qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u konsegwentement m'għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tagħha;*

15. *Illi stante illi l-esponenti tirribatti l-allegazzjoni illi l-kuntratt ta' separazzjoni kien wieħed vizzjat hija ssostni illi l-komunjoni tal-akkwisti bejnet il-kontendenti diġa ġiet likwidata, diviża u assenjata b'mod leġittimu u validu fil-liġi, illi l-manteniment għall-ulied diġa' ġie deċiż bi qbil bejnet il-partijiet u ma kienx hemm bdil sostanzjali fiċ-ċirkustanzi stante li t-trapass taż-żmien kien wieħed qasir u għaldaqstant m'hemmx*

*raġuni għaliex dan il-manteniment għandu jkun varjat u lanqas għandha tiġi varjata ebda klawsola oħra tal-imsemmi kuntratt stante illi kontra dak allegat, il-kuntratt sar b'mod validu u l-klawsoli tiegħu ma jistgħux jiġu varjati frivoložament u sempliċiment għaliex wara li waslu għall-ftehim, ir-rikorrenti biddel fehmtu.*

*16. Għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti topponi għal kull talba magħmula mir-rikorrenti u ġentilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-istess bl-ispejjeż kontra l-attur;*

*Salv, occorrendo, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attur illi huwa min issa nġunt għas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut.*

17. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrent mar-rikors odjern, ossija s-segwenti:

- Dok A: Kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 3 t'April, 2019 in atti tan-Nutar Dr Francesa Portelli;
- Dok B: Kopja tal-kuntratt ta' self u kanċellament mal-Bank of Valletta plc datat 3 t' April, 2019 in atti tan-Nutar Dr Francesca Portelli;
- Dok C: Kopja tad-digriet numru 1754/19 datat 31 ta' Lulju, 2019 li awtorizza lill-partijiet jipproċedu b'kawża

18. Rat illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 9 ta' Diċembru 2019 ordnat illi l-atti tal-medjazzjoni jiġu annessi ma' din il-kawża.

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimata fit-8 ta' Jannar 2020 rigward l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrent fit-3 ta' Frar 2020 rigward l-eċċezzjoni ta' kompetenza eċċepita mill-intimata.

21. Rat illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' sentenza in parte deċiża fil-15 ta' Ottubru 2019 irreferit din il-kwistjoni lill-Prim' Imħallef għad-deċiżjoni tiegħu dwar l-assenjazzjoni tal-kawża odjerna ai termini tar-Regolament numru 4 u 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.9.

22. Rat illi permezz ta' provvediment mogħti fl-20 ta' Ottubru 2020 il-Prim' Imħallef iddeċieda illi l-kawża għanda tiġi assenjata lill-Qorti Ċivili Prim'Awla sabiex tisma' u tiddetermina l-ewwel żewġ talbiet u l-eċċezzjonijiet li jagħmlu referenza għal dawk it-talbiet; filwaqt li tħalli impreġudikat it-talbiet l-oħra u l-eċċezzjonijiet għalihom u l-kompetenza tal-Qorti li għandha tismagħhom wara l-eżitu finali tal-ewwel żewġ talbiet.

23. Rat illi fis-7 ta' Dicembru 2020, dina l-Qorti, kif komposta, ddireġiet lill-partijiet sabiex iġibu provi dwar l-ewwel żewġ talbiet.

**Provi**

24. Rat illi fit-8 ta' Frar 2021 ġie ppreżentat l-affidavit tar-rikorrenti it-**Tabib Bjorn Buhagiar** (fol 97-114).

25. Rat illi fit-8 ta' Frar 2021 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Charles Buhagiar** (fol 115-116).

26. Rat illi fit-8 ta' Frar 2021 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **Mary Buhagiar** (fol 117).

27. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Francesca Portelli** mogħtija fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2021 u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnha (fol 133-168).

28. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Dorianne Vella** mogħtija fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022 u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata minnha (fol 191-200).

29. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent **Dr Bjorn Buhagiar** mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 (fol 203-206 et seq).

30. Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023 ir-rikorrent iddikjara li ma għandux aktar provi x'jippreżenta.

31. Rat l-affidavit ta' **Paula sive Polly Axiaq**, ippreżentat mill-intimata fil-5 ta' Lulju 2023 (fol 209-210).

32. Rat l-affidavit ta' **Caroline Mizzi**, ippreżentat mill-intimata fil-5 ta' Lulju 2023 (fol 211).

33. Rat l-affidavit ta' **Doriana Delia Parnis**, ippreżentat mill-intimata fil-5 ta' Lulju 2023 (fol 212).

34. Rat l-affidavit ta' **Carmen Borg**, ippreżentat mill-intimata fil-5 ta' Lulju 2023 (fol 213-214).

35. Rat l-affidavit ta' **Anthony Borg**, ippreżentat mill-intimata fil-5 ta' Lulju 2023 (fol 215-216).

36. Rat l-affidavit ta' l-intimata **Cynthia Buhagiar**, flimkien ma' dokumentazzjoni, ippreżentat mill-intimata fil-5 ta' Lulju 2023 (fol 218-254).

37. Semgħet ix-xhieda tal-intimata **Cynthia Buhagiar** mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023 (fol 255-257).

38. Semgħet ix-xhieda, in kontro eżami, tar-rikorrent **Dr Bjorn Buhagiar** mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2023 (fol 259-283 et seq).

39. Rat in-nota tal-attur ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2024 kontenenti kopja tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal Ekkleżjastiku (fol 284-285).

40. Semgħet ix-xhieda, in ri-eżami, tar-rikorrent **Dr Bjorn Buhagiar** mogħtija fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2024 (fol 289-291).

41. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2024 il-partijiet qablu li f'dan l-istadju ma għandhomx aktar provi x'jippreżentaw u l-kawża tista' titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

42. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fil-15 ta' Jannar 2025 (fol 293-317).

43. Rat ir-rikors mhux oppost tal-intimata datat 1 ta' April 2025 fejn talbet aktar żmien sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha (fol 319).

44. Rat illi fis-seduta tal-1 ta' April 2025 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

45. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata ppreżentata fit-23 ta' April 2025 (fol 320-346).

## Fatti tal-Każ

46. Jirriżulta illi l-partijiet fit-3 ta' April tas-sena 2019 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli.

47. Jirriżulta illi skont l-attur hu ħass li ż-żwieġ tiegħu mal-intimata ma kienx sejjer tajjeb u li huwa beda jħoss ċertu konflitti fl-orjentament sesswali tiegħu.

48. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent jargumenta illi s-separazzjoni kellha ssir versu l-pattijiet u kundizzjonijiet dettati mill-intimata stante illi hija kienet hedditu li f'każ li dan ma jsirx, huwa kien ikollu jispiċċa jaffaċċja lill-intimata f'kawża fejn dak kollu li kellu x'jaqsam mal-orjentazzjoni sesswali tiegħu kien ser jinkixef minnha.

49. Jirriżulta illi l-attur isostni illi huwa kellu jbaxxi rasu għat-termini u kundizzjonijiet imposti fuqu mill-konvenuta u li waqt il-proċess tas-separazzjoni huwa anqas biss kien assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu u dan minħabba li skont l-istess rikorrent huwa kien mhedded mill-intimata u b'hekk huwa kellu jmur għand l-avukat tagħha.

50. Jirriżulta illi l-attur isostni illi minħabba theddid u biża' li din il-kwistjoni dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu kien ser ikollha riperkussjonijiet fuq iż-żewġ uliedu minuri kif ukoll fuq il-professjoni tiegħu ta' tabib bi klinika privata tiegħu huwa ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni surreferit.

51. Jirriżulta illi l-attur jargumenta illi b'hekk huwa spiċċa baxxa rasu u aċċetta termini u kondizzjonijiet fl-istess kuntratt ta' separazzjoni li ma kinux jirriflettu dak li huwa verament kien lest u dispost li jaċċetta u jikkonċedi tra cui l-ammont ta' manteniment lejn uliedu, l-aċċess versu ż-żewġ uliedu minuri kif ukoll kif saret il-qasma, l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunita' tal-akkwisti.

52. Jirriżulta b'hekk illi skont l-attur il-kuntratt ta' separazzjoni datat 3 ta' April 2019 kien wieħed żbilanċat u wieħed inġust.

53. Jirriżulta illi r-rikorrent għaldaqstant isostni illi l-kuntratt ta' separazzjoni illi huwa kien iffirma għandu jiġi rexiss stante illi l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat mill-biża' u mit-theddid li hu kien soġġett għalih kif ukoll minħabba ingann li huwa kien vittma tiegħu għaliex skont l-istess attur huwa ma kienx jaf bir-relazzjoni adultera li l-intimata kienet ikkomettiet fil-konfront tiegħu.

54. Jirriżulta illi minkejja li l-attur talab lill-intimata tersaq għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom hija baqgħet inadempjenti u b'hekk kellha tiġi intavolata l-kawża odjerna.

**Ikkunsidrat**

55. Jirriżulta, in linea mad-digriet mogħti mill-Prim Imħallef fl-20 ta' Ottubru 2020, illi dina l-Qorti qiegħda tqis u tikkunsidra l-ewwel żewġ talbiet kif redatti fir-rikors ġuramentat, ossija fejn l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tiddeċiedi u tiddikjara li l-kunsens tiegħu fuq il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet tat-3 ta' April 2019 fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli kien ivvizzjat minħabba biża' u theddid li sofra l-attur mingħand il-konvenuta kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' għarfien ta' fatti li ġew a konjizzjoni tiegħu wara li ġie ffirmat l-istess kuntratt u li tħassar, tirrevoka u tirrexxindi l-istess kuntratt ta' separazzjoni tat-3 ta' April tas-sena 2019 fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli għar-raġunijiet kollha indikati f'dan ir-rikors ġuramentat u dawk li ser jirriżultaw matul il-mori ta' din il-kawża.

56. Jirriżulta illi l-intimata eċċepiet numru ta' eċċezzjonijiet fosthom dawk relattivi għall-ewwel żewġ talbiet tal-attur huma li: t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġuni li l-kuntratt ta' separazzjoni illi għalih qed issir referenza fir-rikors promutur għandu r-rekwiżiti kollha essenzjali u kien magħmul taħt dawk il-kundizzjonijiet illi jagħmlu kuntratt wieħed validu fil-liġi; illi l-imsemmi kuntratt iffirmat mill-kontendenti quddiem in-Nutar Francesca Portelli huwa validu fl-intier tiegħu; illi l-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-kuntratt ta' separazzjoni huma kollha kundizzjonijiet li ġew maqbula bejn il-partijiet u dan anke wara li ġew spjegati wkoll min-nutar u ma hemm l-ebda element illi skont il-liġi jwassal sabiex dan il-kuntratt jew partijiet minnu jiġu dikjarati nulli; illi m'huwiex minnu li l-imsemmi kuntratt kien ivvizzjat minħabba biża' u theddid li sofra l-attur mingħand il-konvenuta kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-mori ta' din il-kawża; illi bla preġudizzju għas-suespost l-allegat nuqqas ta' għarfien ta' fatti li ġew a konjizzjoni tal-attur wara li ġie ffirmat l-istess kuntratt ma tinċidix fuq il-validita' o meno tal-imsemmi kuntratt stante illi klawżola 42 tgħid illi 'dan il-ftehim jibqa' validu, viġenti u effettiv bejn il-partijiet f'kull eventwalita' ... u l-istess klawżola tgħaddi wkoll biex issemmi 'raġunijiet ġia eżistenti kif ukoll għal xi raġuni supervenjenti' li wkoll addizzjonalment tagħti x'tifhem li anke li kieku kellu jkun minnu dak li qed jallega l-attur, li mhux, xorta tali kuntratt kien ikun validu għaliex il-partijiet ikkuntrattaw kontra n-nullita' f'din l-eventwalita'.

**Meritu tal-Każ**

57. Jirriżulta illi l-pern tal-kawża in deżamina huwa msejjes fuq li l-attur qiegħed isostni illi l-kunsens tiegħu kien ivvizjat minħabba biża' u theddid li huwa sofra mingħand il-konvenuta, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' għarfien ta' fatti li ġew a konjizzjoni tiegħu wara li ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni. Dawna l-fatti, skond ir-rikorrent, għandhom iwasslu lil dina l-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tirrexxindi l-kuntratt ta' separazzjoni illi sar bejnu u martu, l-intimata Cynthia Buhagiar, fit-3 ta' April 2019.

58. Din il-Qorti, hawnhekk, tibda billi tinnota illi, filwaqt li fir-rikors promutur, l-attur jikkwota dawn is-segwenti artikoli tal-Liġi ossia l-Artikolu 974, 979 u l-Artikolu 1730 tal-Kodiċi Ċivili, madanakollu, fin-nota ta' sottomissjonijiet a fol 311, huwa jsostni illi

*"L-Artikolu relevanti għal kawża odjerna huwa Artikolu 794 u Artikolu 978(1) tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta".*

59. In oltre, din il-Qorti tosserva wkoll illi minkejja li l-attur, kemm fir-rikors promutur tiegħu, kemm fl-affidavit tiegħu kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jagħmel aċċenn illi skontu l-intimata kienet f'relazzjoni adultera u li għalhekk huwa kien ta' l-kunsens tiegħu a bażi ta' ingann li tiegħu huwa kien il-vittma, huwa jiffoka l-argumentazzjoni tiegħu biss fuq il-fatt li l-vizzju tal-kunsens seħħ minħabba vjolenza u theddid, fejn huwa jsostni illi huwa ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni għaliex huwa kien mhedded b'theddid, inkluż b'rikatti, li huma ta' natura vjolenti.

60. Dana kollu qieghed jingħad, għax, in vista ta' dan fuq deskritt, din il-Qorti ser tiffoka u tistħarreġ jekk il-kunsens tal-attur kienx jew le vvizjat minħabba vjolenza.

**Ikkunsidrat**

61. L-ewwel u qabel kollox din il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-ġurisprudenza nostrana fuq il-materja in kwistjoni. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Josephine Camilleri noe et vs Yvonne Camilleri et***[1] fejn il-Qorti tenniet kif ġej:

*"Kwalunkwe kuntratt jew ftehim għandu favur tiegħu l-preżunzjoni tas-sinċerità u tar-realtà. Min irid iwaqqa' din il-preżunzjoni jrid iġib il-prova konkludenti u persważiva tan-nuqqas minnu allegata. Din il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mod permess mil-liġi, anki permezz ta' xhieda; iżda dan il-prinċipju jiġi applikat b'rigur akbar meta jiġi impunjat att pubbliku, minħabba l-akbar fidi li tirriponi fih il-liġi. Għalhekk id-deduzzjonijiet kontra dak l-att għandhom ikunu speċifiċi u ċirkostanzjali, u l-preżunzjonijiet gravi, preċiżi u konkludenti (Vol 27 p2 p 551 u Vol 37 p2 p 797). Hemm bżonn, kif jgħid Butera, li jiġu mħarsa, «la sicurezza e la stabilità delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e la realtà dell'altro contraente» (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Diċembru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet Avukat Dottor Robert Zammit v. Constantino Abela et; u Pauline Vella Moran et v. Concetta Abela, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Novembru, 2012).*

*Kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti l-azzjoni tal-lum mhix fuq il-kapaċità mentali ta' Antonia Camilleri fil-mument tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni, iżda hija dwar l-allegazzjoni li l-kunsens tagħha kien meħud bi vjolenza u qerq.*

*L-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li: «Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.» Imbagħad l-Artikolu 978(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li, «Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.» Is-subartikolu (2) jgħid li, «F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna.»*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar 2024- Kawża numru: 1169/13/1

*Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-1 ta' Diċembru, 2006 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Caruana v. Pawlu Falzon et li biex vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal għan-nullità tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt, u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jinkiseb il-kunsens. Kif intqal drabi oħra, «Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi u tali tagħmel impressjoni fuq persuna raġonevoli u li tiġġenera l-biża' li tesponi inġustament lill-persuna tagħha jew il-ġid tagħha għal dannu gravi… Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indaġni li hija mħollija interament fil-prudenza tal-ġudikant» (ara wkoll Kollez. Vol.XXIX.11.749).»*

*Illi fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2020 fil-kawża fl-ismijiet Calcedonia Pace v. Patrick Pace, il-Qorti tal-Appell kellha quddiemha każ ta' kostituzzjoni ta' debitu li mara anzjana ta' 82 sena għamlet favur binha. Il-Qorti tenniet hekk:*

*…*

*Illi tajjeb li jingħad li l-vjolenza morali, għall-kuntrarju tal-vjolenza fiżika, hija raġuni li tista' twassal għat-tħassir ta' kuntratt. Kemm hu hekk jingħad li, "La violenza si concreta in minacce, in pressioni gravi, che inducono una parte a concludere il negozio; si distingue la violenza morale (timore, paura) dalla violenza fisica (costrizione fisica a firmare); solo la prima è un vizio della volontà e pertanto provoca l'annullamento; la seconda é invece indicativa di mancanza di volontà; configurandosi quindi come assenza di un elemento essenziale, provoca la nullità e non l'annullabilità del negozio .. .. .. Per essere giuridicamente rilevante la violenza morale o psichica deve consistere in una minaccia grave e ingiusta. .. .. .. Insomma, non qualsiasi minaccia o pressione, ma solo quelle che, in considerazione dei criteri indicati, possono incutere timore ad una persona 'sensata' costituiscono causa di annullamento. Il controllo dunque si fa usando un parametro di questo tipo, confrontando cioè la parte che assume di aver subito violenza con una persona sensata di eguale età e sesso, che, trovandosi nelle medesime condizioni, si senta coattata dalla controparte. Il semplice timore reverenziale non è rilevante. .. .. .. La violenza inoltre deve essere ingiusta: si deve tener distinta dalla minaccia di far valere un diritto .. .." (G. Alpa Corso di Diritto Contrattuale (Cedam 2006) § 12.13 f'paġ. 137);*

*Illi mkien ieħor jingħad li ".. .. la violenza psichica, a differenza di quanto abbiamo visto accadere per la violenza fisica (nella quale manca del tutto la volontà), produce non la nullità, ma l'annullabilità del negozio. Una volontà v'è sempre, ancorché non spontanea, ma determinata dall'altrui minaccia, e poiché, cessata la violenza, la vittima potrebbe essersi adattata alla situazione determinata dalla dichiarazione emessa, l'ordinamento affida a chi ha subito la violenza la valutazione circa l'opportunità di agire, oppor no, per l'annullamento" (A. Torrente Manuale di Diritto Privato (Ed. P. Schlesinger) § 114 f'paġ. 200). Tali vjolenza trid toħroġ mit-theddida ta' ħaddieħor ('metus ab extrinseco'), imqar jekk ma jkunx il-parti l-oħra kontraenti u trid tintwera li tkun iċ-ċirkostanza determinanti li tkun wasslet*

*lil persuna biex, minkejja r-rieda tagħha, tersaq għall-kuntratt ('metus causam dans') u qabel ma jkun sar dak il-kuntratt;*

*Illi xieraq jingħad ukoll li biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt (P.A. 14.11.1935 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo utrinque (Kollez. Vol: XXIX.ii.749)), (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' għemil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor (P.A. 29.10.1949 fil-kawża fl-ismijiet Soler noe v. Campbell noe (Kollez. Vol: XXXIII.ii.431)). Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b'mod li tqanqal f'persuna raġonevoli biżgħa li tesponi lilha jew lil xi qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha (P.A. GV 30.6.2000 fil-kawża Francis Scicluna v. Dominic Cutajar (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16.4.2004). Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha (P.A. TM 25.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Busuttil noe v. Anthony Żahra et (mhix appellata))".*

62. Il-Qorti ser tagħmel ukoll referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Joseph Caruana vs Raymond Caruana*** [2], fejn il-Qorti għamlet referenza għal numru ta' sentenzi li jittrattaw il-vizzju tal-kunsens minħabba vjolenza u tispjega kif ġej:

*"Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet Joseph Mifsud vs Justin Mifsud, il-Qorti rat ukoll jekk stat ta' ansjeta' jwassalx sabiex il-kunsens ikun vizzjat, u dan b'referenza għal żewġ sentenzi tal-Qrati nostrana kif isegwi:*

*[Fi]s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Joseph Busuttil noe vs. Anthony Zahra (Ċit 893/1993) deċiża fil-25 ta' Marzu 2004:*

*"il-minaċċja trid tkun gravi u determinanti, b'mod li tinfiċċja fuq il-kunsens ta' dak il-kontraent; irid jirriżulta wkoll li dak il-kontraent kien f'pożizzjoni li ma setax jeħles mill-vjolenza jekk mhux billi jiffirma dik l-obbligazzjoni impoġġija quddiemu [...] Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Camilleri vs Vella", deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2003, l-istat ta' anzjeta' u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, għax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fiżika impellenti, darba li jirriżulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jagħmel, il-kuntratt m'għandux jitħassar."*

*Ta' rilevanza partikolari għall-każ odjern huwa dak li jingħad fis-sentenza Conrad Gatt et vs. George Xuereb et (Ċit Nru 443/2001) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 2017:*

*"Illi biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt, (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens*

[2] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju 2023- Kawża numru: 1001/2021

*hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' għemil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor [P.A. 29.10.1949 fil-kawża fl-ismijiet Soler noe vs Campbell noe (Kollez. Vol: XXXIII.ii.431)]. Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b'mod li tqanqal f'persuna raġonevoli biżgħa li tesponiha jew lil qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha [P.A. GV 30.6.2000 fil-kawża Francis Scicluna vs Dominic Cutajar (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16.4.2004)]. Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha [P.A. TM 25.3.2004 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Busuttil noe vs Anthony Żahra et (mhix appellata)]. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjeta' jwassal biex kunsens mogħti fuq kuntratt ikun wieħed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi tagħmel [App. Ċiv. 9.6.2003 fil-kawża fl-ismijiet Evan T. Camilleri et vs Michelina Vella];"*

63. Referenza issir ukoll għal sentenza oħra mogħtija fit-30 ta' Settembru 2022 fl-ismijiet ***Joseph Grech et Rita Calleja et***[3] fejn il-Qorti esprimiet is-segwenti:

*"Fuq il-vjolenza, l-Artikolu 978 (1) jgħid hekk: "Il-kunsens jitqies meħud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġiegħla tibża' li hija nnifisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira."*

*L-awtur Furgole ċċitat minn Laurent jgħid kif isegwi:*

*" ... non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta', o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare il testatore a fare quello che non avrebbe voluto." (cap. V, sez. IV, nn 4 e 2).*

*Fil-ġurisprudenza nostrana dwar il-vjolenza li tivvizzja l-kunsens ġie ribadit illi:*

*"Biex il-vjolenza morali tikkostitwixxi vizzju tal-kunsens li jwassal għan-nullita' tal-kuntratt, hemm bżonn li dik il-vjolenza tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt u li l-kunsens ikun il-frott tal-vjolenza eżerċitata biex jiġi ottenut il-kunsens, u mhux biex jiġi ottenut skop divers, u trid tkun ukoll l-opera tal-persuna li eżerċitata biex tottjeni dak il-kunsens."*

*Ingħad ukoll:*

*"Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi u tali li tagħmel impressjoni fuq persuna raġonevoli u li tiġġenera l-biża' li tesponi inġustament lill-persuna tagħha jew il-ġid tagħha għal dannu gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija indaġini li hija mħollija interament fil-prudenza tal-ġudikant."*

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) bin-numru 73/2015

64. Barra l-ġurisprudenza supraċitat fuq l-element tal-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens, din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Charmaine Camilleri vs Mario Grech***[4], liema sentenza fiha numru ta' similaritajiet għall-kawża in deżmina. F'dik il-kawża, il-partijiet kienu wkoll iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni bejniethom u l-attriċi kienet allegat illi l-kuntratt huwa null stante li ġiet sfurzata taċċetta kundizzjonijiet li hemm fih mingħajr oġġezzjoni u dan minħabba l-vjolenza kemm fiżika kif ukoll morali eżerċitata fuqha minn żewġha l-konvenut. Illi l-Qorti, f'dik is-sentenza għamlet referenza għall-bosta ġurisprudenza fuq il-materja tal-vjolenza bħala vizzju tal-kunsens u tgħid hekk:

> *"Il-prinċipji legali li jsostnu tali azzjoni ġew enkapsulati fis-sentenza in Prim Istanza fl-ismijiet Peter Cassar Torreggiani et vs Onor. Dominic Mintoff noe et konfermata fl-appell fl-14 ta' Ottubru 2014. Jingħad hekk:*
>
> *"Illi l-vjolenza bil-mezz ta' theddid hija waħda miċ-ċirkostanzi magħrufa mil-liġi li taqa' fil-kategorija ta' vizzju tal-kunsens. Minn kliem il-liġi, il-vjolenza, bħalma hija t-theddid, hija motiv ta' nullita' tal-kuntratt minħabba vizzju tal-kunsens. Iżda huwa maqbul li dak in-nuqqas ma jġibx nullita' assoluta tar-rabta kuntrattwali, iżda annullabilita' tal-istess: jidher li huwa minħabba f'hekk li l-liġi tuża l-kelma "motiv ta' nullita'". Hija regola li l-Qrati tagħna ilhom snin jimxu magħha li, fejn iqum element ta' annullabilita' ta' kuntratt, it-tħassir ta' dak il-kuntratt irid isir b'azzjoni appożita u mhux permezz ta' eċċezzjoni. Hekk sar fil-każ tal-lum. Minbarra dan, il-kwestjoni tal-eżistenza u tal-effikaċja tal-vjolenza allegata mill-parti li trid twaqqa' l-kuntratt huwa eżerċizzju mħolli fl-apprezzament tal-Qorti;*
>
> *"Illi, bil-liġi, l-kunsens jitqies li jkun meħud taħt vjolenza jekk din taħkem fuq persuna raġonevoli b'mod li ġġegħilha tibża' li hija nnifisha jew ħwejjiġha jistgħu jitqiegħdu għal xejn b'xejn f'periklu ta' ħsara kbira. Vjolenza bħal din twassal biex iġġib ma jiswiex kuntratt ukoll jekk id-deni mhedded ikun maħsub li jolqot il-persuna jew il-ħwejjeġ tal-mara jew ta' żewġ il-persuna mhedda jew ta' dixxendent jew axxendent tagħha;"*

F'dik is-sentenza, l-Qorti għamlet ukoll referenza u ssottolineat liema huma l-elementi neċessarji sabiex il-vjolenza tħassar il-kunsens, liema elementi huma diġa' msemmija minn din il-Qorti fil-ġurisprudenza hawn fuq riportata u għaldaqstant a skans ta' ripetizzjoni mhux ser tkun qiegħda terġa' tikkwota. In oltre, dik il-Qorti ssemmi wkoll illi:

> *"Magħdud ma' dawn il-prinċipji wieħed ukoll irid iqis il-prinċipju fondamentali tal-validita tal-kuntratti u l-preżunzjoni li l-partijiet volontarjament ftehmu fuq dak li jirriżulta mill-kuntratt. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża Galea vs Zammit, deċiża fit-3 ta' Diċembru 1919, ikkwotata b'approvazzjoni fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Transcontinental Properties Limited vs European School of English Limited fl-14 ta' Ottubru 2004:*

[4] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ġunju 2016-Kawża numru: 536/2015

*il mantenimento dei contratti e' di interesse generale purche' e' principio di ordine pubblico; siffatto considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche' non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore;"*

Illi l-Qorti, fil-każ suċċitat, ċaħdet it-talbiet tal-attriċi stante illi ma kien hemm ebda prova fattwali u ċirkostanzjali li twassal lill-Qorti taċċetta l-allegazzjonijiet tal-attriċi li hija kienet tibża' mill-konvenut u li eventwalment dak li wassal għall-kuntratt ta' separazzjoni kien frott ta' vjolenza u theddid min-naħa ta' żewġha l-konvenut.

**Ikkunsidrat**

65. Din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tistħarreġ jekk, fil-każ li għandha quddiemha, l-vjolenza kinitx il-kawża determinanti tal-kuntratt u jekk il-kunsens mogħti mill-attur kienx frott ta' vjolenza eżerċitata fuqu minn martu l-konvenuta. Illi b'referenza għall-ġurisprudenza supraċitata din il-Qorti trid teżamina jekk il-vjolenza kenitx determinanti, inġusta u gravi li tħalli impressjoni fuq persuna raġonevoli u li tiġġenera biża' f'dik il-persuna.

66. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tibda billi tagħmel referenza għall-affidavit tal-attur fejn fih huwa jagħti dettall taż-żwieġ tiegħu u tar-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta, kif ukoll jiddeskrivi l-karattru ta' martu l-intimata Cynthia Buhagiar. Dan jagħmlu wkoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fejn huwa jagħti stampa tal-karattru u l-personalita' ta' martu tra cui jsemmi illi ta' spiss il-mara tiegħu kienet tagħtih is-*silent treatment*. Dan isir anke fl-affidavit ta' Carmelo *sive* Charles Buhagiar u Mary Buhagiar, il-ġenituri tar-rikorrent li wkoll fl-affidavit tagħhom jagħmlu referenza għal diversi istanzi li kellhom mal-intimata.

67. Illi in oltre, fl-istess affidavit ir-rikorrent isemmi illi :

> *"Il-karattru tiegħi huwa ta' persuna li ngħin u ma nasal qatt nagħmel ħsara lil dak li jkun, aħseb u ara kemm kont lest li nagħmel ħsara lill-marti u lill-uliedi. Dak iż-żmien jien kont għadni ma rrealizzajt dak id-dwejjaq kollu minn fejn kien ġej. Kont naħseb li forsi għax jien kont b'tendenzi omosesswali u ma kontx naf! Ma xtaqtx li uliedi u marti jbatu ħabba fija għaliex Cynthia hekk bdiet tikkundizzjonani...li kien it-tort tiegħi li jien kont qed naħseb hekk! Meta ħadt il-pariri jekk għandix nitlaq jew le, kont ingħatajt is-suġġeriment mill-counsellor u minn missier Cynthia li aħjar li nitlaq minn hemm. Iddeċidejt dan għall-ġid tat-tfal ukoll għax bdew jindunaw li kien hemm xi ħaġa mhux sejra sew bejni u bejn Cynthia."* (fol 108).

68. Illi rigward il-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur jispjega illi :

> *"Għall-bidu konna tkellimna li nużaw avukat wieħed biex il-proċess jimxi bla problemi. Cynthia kienet thedded li jekk ma jsirx il-kuntratt kif riedet hi u ma jsirx taħt avukat wieħed li kienet għażlet hi, konna ser nimxu fil-qorti u kienet ixxandar ma kulħadd li jien 'gay' u li kissirt żwieġ minħabba f'hekk! Iktar 'il quddiem saħansitra użat l-istess theddid biex jien inħallas l-avukat tagħha mill-flus tiegħi biss.*

*Bdejt ningħata pariri minn diversi nies, familjari u l-counsellor biex infittex parir ta' avukat ieħor. Pruvajt nagħmel hekk u kif semmejt dan lil Cynthia hija heddedt li kienet ser tħassar l-appuntament li kellna ma' l-avukata tagħha u ser tagħmel dak li riedet tagħmel u ċioe' tidħol il-Qorti. Pruvajt nieħu l-parir ta' l-avukata tagħha fuq x'jista' jsir minħabba l-manteniment imma kienet qaltli li ma seta' jsir xejn fuq hekk. Provdejt soluzzjonijiet ulterjuri imma Cynthia ma aċċettatx u l-avukata tagħha kienet tgħidli mhux possibbli".*

*Wieħed irid iżomm f' moħħu li jien kont psikoloġikament imkisser, kont taħt theddid kontinwu, dejjem xtaqt li ma ssir ħsara lil ħadd u kont ħiereġ minn snin fejn kont dejjem taħt il-kontroll psikoloġiku ta' Cynthia. Kien biss wara li ġie ffirmat il-kuntratt li skoprejt li l-affarijiet setgħu saru differenti."*

(fol 111)

69. Fl-istess affidavit ir-rikorrenti jsostni u jagħti r-raġuni għaliex dan il-kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi ddikjarat null u jsemmi li:

*"Minn qabel ma tlaqt mid-dar, meta bdejna nitkellmu fuq il-flus Cynthia kienet thedded li hi ser tgħid il-verita' kollha u li t-tort kien kollu tiegħi, li jien kont gdibtilha u għalhekk kienet lesta tgħid u tikxef li jien kont omosesswali (meta qatt m'għidt li kont!) jekk ma konniex ser naqblu kif tgħid hija! Inkluż b'theddid li kienet ser tirvinani professjonalment ħalli dak li jien bnejt b'sagrifiċċju kbir fuq medda ta' snin b'numru ta' pazjenti tkissirli".*

In oltre huwa jsemmi wkoll li:

*"Fl-opinjoni tiegħi, dan il-kuntratt qed iżied il-parental alienation għaliex mhux qed iħallini liberu biex inkun nista' nuża l-flus li qed nipprovdi bħala manteniment mat-tfal".*

Kif ukoll illi:

*"huwa ċar kif il-kuntratt kelli niffirmah taħt theddid sia minn Cynthia stess u sia bil-presenza kontinwa ta' missierha anke għand l-avukat tagħha, meta ma kontx nfurmat sew u meta kont psikoloġikament mhux sod biżżejjed"*

....

*"Huwa diffiċli li persuna li jkun spiċċa fis-sitwazzjoni tiegħi jirnexxilu jasal waħdu biex jiffirma kuntratt ta' separazzjoni ġust mingħajr għajnuna, għajnuna li jien ma tħallejtx ikolli minn Cynthia...u anki minn missierha!".*

(fol 108 u fol 112-113)

**Ikkunsidrat**

70. Din il-Qorti tosserva illi l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda msejsa fuq kunsens moghti fil-kuntratt ta' separazzjoni għaliex dan il-kuntratt jikkostitwixxi r-raġuni li wassal

għall-oġġett tal-kawża, kif murija fl-ewwel żewġ talbiet tar-rikors promutur tiegħu ossia, d-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratt in deżamina. Illi għaldaqstant, jispetta lill-attur li jipprova illi l-kuntratt ta' separazzjoni ġie ffirmat u li huwa kien aċċetta t-termini u kundizzjonijiet imposti fih minħabba vjolenza, theddid u biża' eżerċitata fuqu.

71. L-ewwel u qabel kollox, din il-Qorti tqis, illi mill-provi prodotti, jissemmgħu diversi aspetti li wasslu għas-separazzjoni bejn il-kontendenti, fosthom il-karattru diffiċli u dominanti tal-intimata, kif ukoll hemm il-kwistjoni tal-orjentazzjoni sesswali tal-attur, li kif jispjega f'aktar dettal fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, huwa qiegħed fi proċess ta' *sexual fluidity*.

72. Abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza hawn fuq ċitata kif ukoll fid-dawl tal-provi kollha mressqa quddiemha, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi hemm raġuni suffiċjenti biex jikkonvinċiha li l-attur kien attwalment iffirma dan il-kuntratt ta' separazzjoni riżultat ta' xi forma ta' vjolenza u ta' biża imposta fuqu, u li għalhekk twassal sabiex tivvizzja l-kunsens mogħti minnu. Ta' dan, din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħti r-raġunijiet tagħha li wassluha sabiex ma taċċettax l-allegazzjoni tar-rikorrenti.

73. Din il-Qorti tosserva illi l-attur jagħmel referenza għal diversi episodji tal-ħajja matrimonjali tiegħu mal-konvenuta u jissottolinea l-fatt li l-intimata kellha dejjem attitudni ta' ħakma fuq l-attur jew kif jgħid l-attur stess kien ikun impoġġi f'sitwazzjoni ta' *do or die*. In oltre, huwa jispjega wkoll illi huwa affaċja kriżi personali f'dak li għandu x'jaqsam mal-orjentazzjoni sesswali tiegħu. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi dan kollu jirreferi għall-perjodu taż-żwieġ u mhux prettament għall-dak il-perjodu illi wassal għall-kuntratt ta' separazzjoni, li għandu jkun il-perjodu ta' żmien fejn l-allegat vjolenza seħħet fil-konfront tiegħu, u allura għandha titqies bħala l-perjodu ta' żmien illi huwa ħassu sfurzat sabiex jidħol u jiffirma l-kuntratt in deżamina u ta l-kunsens tiegħu.

74. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tifhem illi l-attur kien għaddej minn tbatija psikoloġika u taħwid emozzjonali tant illi, kif jispjega huwa stess, kellu jsib l-għajnuna ta' *counsellor* kif ukoll ta' psikjatra. Minkejja tali taħwid kollu, ir-rikorrent, Tabib prattikanti bi klinika ben stabbilita tiegħu, ċertament għandu jibqa' jitqies minn dina l-Qorti bħala persuna raġonevoli ai fini tal-Artikolu 978 tal-Kap 16.

## Ikkunsidrat

75. Il-Qorti tistqarr illi hija għandha quddiemha kawża fejn qed tintalab ir-rexissjoni ta' kuntratt minħabba vizzju fil-kunsens, liema kuntratt, iżda, ma jista' qatt jitqies bħala kuntratt normali, bħalma hu dak ta' bejgħ, jew ta' kera, iżda huwa kuntratt li minn natura tiegħu wieħed traġiku, fejn żwieġ qiegħed jiġi terminat, u għalhekk huwa sensittiv ħafna u mimli emozzjonijiet, għaliex il-partijiet fl-istess kuntratt ikunu għaddew u jkunu għadhom qed jgħaddu minn ħafna emozzjonijiet u pressjonijiet, mument f'ħajjithom li huwa traġiku u ta' tbatija.

76. Referenza ser issir għax-xhieda mogħtija min-Nutar Dr Francesca Portelli fejn hija tispjega illi:

> *"Dr Deborah Schembri:*
> *Jien nixtieq ... biex ma nerġgħux intellgħuha darb' oħra ... emm ... Dr Francesca bonġu l-ewwel nett ... tista' tgħidli jekk jogħġbok waqt li kien qed*

*isir dan il-kuntratt u għidt li kellek anke korrispondenza maż-żewġ partijiet u kienu l-partijiet anke quddiemek il-bank, tista' tgħidli jekk kienx hemm xi forma ta' retiċenza minn naħa ta' Dr Bjorn rigwardanti ta' dan il-kuntratt? Xi mistoqsijiet li forsi għamel lilek? Il-komportament tiegħu? Tista' tgħidilna jekk jogħġbok?*

*Ix-Xhud:*
*Jiena kelli korrispondenza miegħu għar-rigward tal-loans il-għaliex kien qed joħodhom hu u kelli ovvjament nistaqsih ċertu domandi fuq il-propjeta' u affarijiet hekk. Dejjem ikkopera miegħi mill-ewwel ... meta bgħattlu emails irrispondieni ... u ma kelli ebda ħsieb li kien hemm xi ħaġa mhix normali ħa ngħid hekk ... il-għaliex ovvjament kieku kelli m'inhix qiegħda hawn hekk illum.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri inti meta anke ġie ffirmat dan il-kuntratt ma rajt xejn barra minn loku waqt li qed jiġi ffirmat?*

*Ix-Xhud:*
*Assolutament le. Assolutament le.*

*Dr Deborah Schembri:*
*U ... jiena miegħek ġieli kont f'kuntratti oħra ... qed nassumi li inti spjegajt dan il-kuntratt ... illi jekk kien hemm xi domandi li riedu jagħmlu għamluhom ... ngħid sew?*

*Ix-Xhud:*
*Jekk staqsewni żgur illi rrispondejthom. Żgur li ma ħallejthomx mingħajr risposta."*

(fol 142)

77. Din il-Qorti tosserva wkoll illi fix-xhieda ta' Dr Dorianne Vella, l-avukat li kienet assistiet lill-intimata waqt is-separazzjoni, hija tispjega illi kienet insistiet mal-attur sabiex ikellem u jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu iżda ma kienx ried. Illi meta mistoqsija ħassitx li kien hemm ċertu problemi u theddid min-naħa tal-konvenuta sabiex l-attur jiffirma l-kuntratt in kwistjoni hija rrispondiet illi: *"Ix-Xhud: Le ... le ma rajthomx dawn l-affarijiet. Anzi ..."* (fol 192 et seq). In oltre, l-istess xhud tgħid is-segwenti:

*"Il-Qorti:*
*Iġifieri kien jaf il-kontenut ...*

*Ix-Xhud:*
*U żgur li kien jaf ... ħafna kien jaf ... ħafna ħafna ħafna. Jiġifieri dan tajtu draft emm ... minn kollox ... inqara.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri hu kellu draft ukoll?*

*Ix-Xhud:*
*U żgur … u żgur mela, mela … mela … mela.*

*Il-Qorti:*
*U inkun korrett ngħid illi wara dan il-proċess intom mortu għand medjatur …*

*Ix-Xhud:*
*U żgur mela … mela dawn riedu medjatur privat … qratulhom il-medjatur … rat li kienu happy bih ukoll u dejjem jgħidu t-tnejn biex jimxi dan il-kuntratt … imbagħad kien hemm emm … żmien ovvjament biex la darba kien se jinqara minn nutar u meta nqara minn nutar kienu happy bih ukoll.*

*Il-Qorti:*
*U ġie awtorizzat mill-Qorti wkoll?*

*Ix-Xhud:*
*Naturalment mill … mill-Imħallef … L-Imħallef kellha l-aħħar say imma nqara diversi drabi, jiġifieri.*

…

*Ix-Xhud:*
*Nerġa' ngħid … jekk hu kien happy bih hekk … Jiena ma jien ħadd biex inġiegħlu jagħmel xi ħaġa kontra qalbu. Jekk bniedem jgħidli jiena happy u ħa mmexxi … mexxi …*

…

*Ix-Xhud:*
*Nerġa' ngħid la hu kien happy u hu qalli jiena hekk irridu. U jiena bqajt ninsisti miegħu … ħu parir … żgur happy bih? Qalli iva. M'inhix it-tip ta' avukata li … li mal-ewwel naqta'. Bqajt ninsisti bih u ninsisti miegħu u baqa' jgħidli li hekk irid.*

*Dr Rebekah Tanti Dougall:*
*Iġifieri biex nifhem sew eżattament …*

*Il-Qorti:*
*Hu qatt tak l-impressjoni li kien imbeżża'?*

*Ix-Xhud:*
*Lanqas xejn … xejn … xejn … xejn … le xejn le assolutament. Kien … serenità rajt fih jiena.*

*Dr Rebekah Tanti Dougall:*
*Issa inti spjegajt u qrajtilhom il-kuntratt liż-żewġ partijiet jiġifieri?*

*Ix-Xhud:*
*Iva … iva ġew flimkien niftakar. U qrajtulhom biex nara li kuntenti bih.*

…

*Dr Deborah Schembri:*
*Mela meta kontu qegħdin titkellmu ... tiddiskutu il-kontenut tal ... tas-separazzjoni kien hemm xi issues partikolari illi forsi l-partijiet kienu għadhom mhux hundred percent maqbulin quddiemek ... forsi kellu xi concerns Dr Bjorn ... iddiskutejtu xi klawsoli iktar minn oħrajn jew ... jew mexa kollox ...*

*Ix-Xhud:*
*Kollox plain sailing kien. Huma qablu bejniethom, jiġifieri serenità kien hemm ... trankwillità ma kienx hemm panic ... stress jew xi ħadd ... iġifieri ma kienx hemm minn dan kollu ...*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri inti stajt tifhem li kien hemm atmosfera ...*

*Ix-Xhud:*
*Serena ... amikevoli kienet".*

(fol 195-195 et seq u fol 198)

*78.* Kif osservat aktar 'il fuq, mill-provi prodotti mill-attur, huwa jagħti stampa negattiva ta' martu l-konvenuta u jsostni illi huwa kien vittma tal-karattru dominanti tagħha u li huwa kien mhedded minn martu u kellu biża' illi martu kienet ser ixxandar ma' kulħadd illi huwa kien omosesswali, li kienet ser tirrovina l-klinika tiegħu billi tnaffarlu l-pazjenti u li kien qed ibati minn *parental alienation*. Pero' din il-Qorti tqis illi dawna l-assersjonijiet ftit għandhom mill-veru, peress illi din il-verżjoni tal-fatti kienet miċħuda mill-intimata u, apparti minn hekk, ma kienet ikkoraborata bl-ebda prova la fattwali u lanqas ċirkostanzjali li ġġiegħel lil din il-Qorti temmen il-verżjoni tal-attur, ossia, li fil-mument meta huwa ta l-kunsens tiegħu għall-kuntratt ta' separazzjoni huwa għamel dan minħabba vjolenza, theddid u biża' eżerċitata fuqu mill-intimata.

79. Hawnhekk, referenza ser issir għax-xhieda mogħtija mill-konvenuta kif ukoll għax-xhieda mogħtija permezz ta' affidavit minn Paula sive Polly Axiaq, Caroline Mizzi, Doriana Delia Parnis u mill-ġenituri tal-istess intimata Carmen u Anthony Borg.

80. Illi fl-affidavit tagħha, l-intimata tispjega illi hija ma kinitx riedet ixxandar illi hija u l-attur kienu sseparaw minħabba l-orjentazzjoni sesswali tiegħu u tirribadixxi illi: *"Allura, huwa fatt magħruf li n-nies saru jafu li Bjorn kien gay mingħajr ma għidtilhom jien"* (fol 222). In oltre, hija tgħid ukoll:

> *"Jien kelli kull interess li nissalvagwardja lit-tfal tiegħi li sa dak iż-żmien 'qas biss kienu jafu xi tfisser li tkun gay. Sa ħames snin ilu kienet iktar taboo jekk xi ħadd ikun gay u ma xtaqtx nesponi lit-tfal għal xi bullying li seta' jsir. Jien u l-familja tiegħi lanqas lill-familjari tagħna ma konna għidna u jien lanqas kont għidt lill-ħbieb tiegħi x'kienet ir-raġuni għalfejn konna nfridna.*

> *Infatti mbagħad kont ħassejtni redikola u qisni waqajt għaċ-ċajt li jiena m'għidt xejn pero' kulħadd kien jaf xorta waħda"* (fol 222).[5]

81. Jiġi nnutat minn din il-Qorti illi din il-verżjoni ġiet ikkorraborata mix-xhieda l-oħra prodotta mill-istess konvenuta u dan jidher ċar mill-qari tal-affidavits ta' Paula sive Polly Axiaq, Caroline Mizzi, Doriana Delia Parnis fejn dawn ix-xhieda jispjegaw illi huma saru jafu li l-intimata u l-attur kienu sseparaw u għaliex kienet saret din il-firda minn ħaddieħor u mhux mill-intimata stess. Infatti fl-affidavit tagħha, Carmen Borg, omm l-intimata tgħid illi:

> *"Bjorn qiegħed jgħid illi Cynthia jew aħna b'xi mod konna qegħdin jew ser ngħidu li huwa kien gay u nikxfuh mentri huwa jaf li dan mhux minnu anzi aħna dejjem ridna nżommu l-affarijiet misturin minħabba t-tfal"* (fol 213).

82. Referenza ser issir ukoll għall-affidavit ta' Anthony Borg, missier il-konvenuta fejn huwa jgħid illi:

> *"Bl-ebda mod ma kien hemm qatt xi theddid min-naħa tagħna bħala familja inkluż minn binti illi ser tikxfu. Li nixtieq ngħid illi fil-fatt anka li kieku kien hekk ma kien ikun hemm bżonn ngħidu xejn għaliex in-nies kienu kollha jafu qabilna. Minn fejn saru jafu ma nafx, għaliex anka familtu provat iżżomm l-affari mistura"* (fol 215).

Barra minn hekk, din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-allegazzjoni magħmula mill-attur illi huwa kien ġie mhedded minn missier l-intimata meta kien heddu bil-ponn u li ħaseb li seta' jagħtih tir ta' senter. Illi fl-affidavit tiegħu, missier l-intimata jikkonferma illi huwa kien mar fil-kamra tal-bejt flimkien mal-attur iżda jiċħad illi qatt għamillu l-ponn jew tah x'jifhem li kien ser jagħmillu xi ħaga.

83. Din il-Qorti tosserva wkoll u tissottolinea illi x-xhieda kollha prodotta mill-intimata, u anke x-xhieda mogħtija mill-intimata stess kemm permezz ta' affidavit kif ukoll *viva voce*, qatt ma kienet suġġetta għall-kontro-eżami da parti tal-attur.

84. Fl-affidavit tagħha l-konvenuta tispjega wkoll illi:

> *"Bjorn qalli li jixtieq li naħdmu b'avukat wieħed biex nagħmlu s-separazzjoni bonarja. Jien kont staqsejtu jekk kellux lil xi ħadd f'moħħu u hu qalli li le u qalli biex jekk insib lil xi ħadd jien ngħidlu. Kont bdejt infittex fuq l-internet u sibt lil Dr Dorianne Vella. Għażilt lilha għax kienet taħdem ukoll fil-kawża tal-annulament. ...Lil Bjorn għidtlu biha u kien qabel miegħi li nagħmlu appuntament magħha"* (fol 223). L-intimata ttenni wkoll illi: *"Essaċċ it-termini tal-kuntratt konna qbilna fuqhom bejniethna meta ddiskutejniehom id-dar. Dr Vella kienet għinitna fejn jidħlu affarijiet legali, bħal per eżempju kif is-soltu jagħmlu fuq aċċess tat tfal"* (fol 223).

85. L-istess intimata żżid tgħid illi:

[5] Il-konvenuta tikkonferma dan fix-xhieda tagħha mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2023 meta tgħid: *"Ma nafx għalfejn qed joqgħod jgħid li hedditu ghax jiena fl-ebda mod la heddidtu ... la li ħa nikxef li hu gay ... anzi jiena kemm jista' jkun ridt inħalliha mistura il-biċċa għax it-tfal kien ghad għandhom seven (7) u nine (9) u lanqas biss kienu jafu x'inhu gay aħseb u ara kemm ... ma xtaqtx ngħidilhom li speċi missierhom hu gay"*

> *"Il-kuntratt inqara quddiemna mill-avukata Dr Dorianne Vella, aktar tard mill-medjatriċi u meta ffirmajnieh il-bank tal-BOV, inqara min-nutara quddiem membru tal-bank. Bjorn qatt ma qal li ried xi bidla. Kellu żmien biżżejjed minn Settembru sa April biex jiżen x'kien hemm fil-kuntratt. F'dawk ix-xhur aħna kellna kuntatt mill-inqas minħabba li konna noqogħdu fi djar separati mit-18 ta' Lulju 2018. Allura ma nafx kif jien stajt nheddu kif qed jgħid li għamilt!"* (fol 224-225).

86. Flimkien mal-affidavit tagħha l-intimata tippreżenta wkoll numru ta' messaġġi. Mill-qari tal-korrispondenza bejn il-partijiet, din il-Qorti tosserva li ma rriżulta xejn li juri li kien hemm xi theddid da parti tal-konvenuta. Magħdud ma' dan, din il-Qorti tqis illi l-attur naqas milli jipprova illi l-fatt lin-nies kienu a konoxxenza tal-orjentazzjoni sesswali tiegħu, kienet minħabba li tali aħbar ixxandret mill-intimata jew minn xi membru tal-familja tagħha. Barra minn hekk, l-attur ma produċa ebda messaġġ jew korrispondenza oħra li turi li kien hemm xi theddid min-naħa tal-konvenuta. Illi in oltre, l-attur ma ressaq l-ebda persuna li xehdet illi kienet semgħet dwar l-affarijiet personali tiegħu direttament mingħand il-konvenuta.

87. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-allegazzjoni tal-attur illi missier l-intimata kien heddu u kien uża vjolenza fiżika fil-konfront tiegħu, din il-Qorti tqis illi ma ġiet prodotta ebda prova li tikkonferma dan. Kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, missier l-intimata jiċħad illi qatt aġixxa b'dan il-mod u kif jikkonferma l-attur stess fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami huwa qatt ma ħass il-ħtieġa illi jagħmel rapport lill-pulizija. Anzi, l-attur stess jgħid li wara s-separazzjoni, l-ġenituri tal-intimata kienu baqgħu jgħinuh bix-xogħol tiegħu tal-klinika:

> *"Dr Deborah Schembri:*
> *... Imma jekk għalih, just punt żgħir ieħor biex ma jaqbiżlix, tkellimt fuq il-papa tagħha, u tkellimt diversi drabi fuq il-papa tagħha, erm ngħid sew illi dan ir-raġel u anke l-mama tagħha baqgħu lilek jgħinuk sa anke wara s-separazzjoni? Joħdulek il-vials tad-demm, iġifieri baqgħu on good terms miegħek ngħid sew?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Bqajna on good terms.*
>
> *Dr Deborah Schembri:*
> *Bqajtu on good terms. Iġifieri xi ħadd li qed tgħidli li heddek etc, inti ħassejtek komdu tafdah bid-dmija tal-pazjenti tiegħek biex imur bihom, iġifieri hemm hekk all right. Bqajt on good terms u baqa' jagħmel xogħol għalik biex jaqdik dar-raġel, anke wara li sseparajtu. Ngħid sew?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Ehe."*
>
> (fol 279 et seq)

88. Illi din il-Qorti taraha improbabbli ħafna illi persuna li qiegħda tħossha mhedda jew li ġiet b'xi mod mhedda fiżikament, tibqa' jkollha relazzjoni ma' dik il-persuna u li addirittura tibqa' tinqeda u tieħu l-għajnuna mingħandha.

89. Jiġi osservat, si fatti, illi fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, l-attur isostni illi huwa kien prova jfittex avukat iżda kien ġie mhedded. Madanakollu, huwa jispjega illi:

*"Dr. Deborah Schembri:*
*Okay. Pruvajt. Ngħid sew illi inti fil-fatt għand Dr Tanti Dougall kont mort wara li mort għand Dr Dorianne Vella imma imbagħad iddeċidejt li xorta tibqa' magħha? Li inti tibqa' ghal rasek;*

*Ix-Xhud:*
*Għand Dr Michael Dougall kont mort meta ħarġet il ... tal-annullament tal-knisja.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Ara nfakkrekx sewwa illi actually kont mort qabel, waqt is-separazzjoni.*

*Ix-Xhud:*
*Meta kont provajt inkellem lill Dr Tanti Dougall u tajt hints li ħa nipprova nkellmu bit-telephone u tkellimt lil Cynthia informajtha ħa ... lil Dr Tanti Dougall, kien hemm it-theddid. Allura ma stajtx inkompli ma' Dr Tanti Dougall.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Ara ngħidx sew illi fil-fatt kellimtu lil Dr Tanti Dougall?*

*Ix-Xhud:*
*Kont kellimtu, spjegajtlu għaddej mill-kawża u whatever.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Iva.*

*Ix-Xhud:*
*U waqaft hemm hekk.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*U dan kien meta? Qabel ma ffirmajt il-kuntratt?*

*Ix-Xhud:*
*Ma kienx hemm xi diskussjoni fil-fond ta x'jista' jsir fil-dan imma ...*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Ma jimpurtax, imma meta kien qabel ma ffirmajt il-kuntratt?*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Iva. Mela inti qabel ma ffirmajt il-kuntratt, waqt li kont qed tmur għand l-avukat tal-mara li qaltlek mur fittex avukat, inti kont kellimt lil Dr Tanti Dougall. Issa, għażilt at some point, mhux ħa noqgħod nidħol fir-raġunijiet għalfejn li anke l-klijenta tiegħi qalithom, I am not going to go into them,*

*imma inti għażilt illi tippreferi illi tkun mingħajr avukat u tirrappreżenta lilek innifsek. Ngħid sew?*

*Ix-Xhud:*
*Għax kelli nagħżel hekk.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Hekk għamilt?*

*Ix-Xhud:*
*Hekk għamilt.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Iva.*

*Ix-Xhud:*
*Mhux għax hekk xtaqt, imma hekk għamilt."*

(fol 266 et seq)

90. In oltre, fl-istess xhieda l-attur jgħid illi:

*"Il-Qorti:*
*U allura biex nifhem jien sinjur, dal-ħafna theddid, x'kien wasslek biex eventwalment tiffirma l-kuntratt u mhux minflok tiġġieled biex dak li qed tgħid inti, alienation, attwalment ma ġġibux lura kif suppost? X'wasslek biex eventwalment minflok ma tiġġielidha, ddeċidejt tiffirma l-kuntratt ? That is the whole issue I have;*

*Ix-Xhud:*
*Mela, li wassalni l-fatt, il-biża' min dat … jekk jiena ħa mmur għand avukat ieħor u jtini parir whatever, ma niffirmax il-kuntratt whatever, jiena kont imwerwer li all hell will break loose, li ħa nispiċċa nitlef lit-tfal, u u u Alla biss jaf x' jista' jsir;*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Għaliex għax tmur il-Qorti?*

*Il-Qorti:*
*Kont diġà tlifthom it-tfal kważi, fis-sens għax inti għidtli diġà kellek xi tip ta' parental alienation, inżiltu għall thirty per cent.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt ma ridtx tiġi agħar minn hekk ovvjament.*

*…*

*Dr. Deborah Schembri:*

*Il-biża' tiegħek kien; inti semmejt hawn hekk, erm, mela, bdejt ningħata pariri minn diversi nies, 64 il-paragraph. "Bdejt ningħata pariri minn diversi nies, familjari u l-counsellor, biex infittex parir ta' avukat ieħor. Ippruvajt nagħmel hekk u kif semmejt dan lil Cynthia, hija heddet li kienet ser tħassar l-appuntament li kellna mal-avukata tagħha". Dik it-theddida, li ħa tħassar l-appuntament skont dal-paragraph f'dan l-instance. Għalik theddidha din.*

*Ix-Xhud:*
*Imma mhux dik it-theddida, trid tara xi jfisser magħha dik it-theddida.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Le le imma għalik dik hija theddida, għax theddid ktibt. Li xi ħadd jgħidlek jiena ħa nħassar l-appuntament mal-avukat tiegħi, inti hawn hekk inti niżżiltha bħala theddida.*

*Ix-Xhud:*
*Trid tara l-big picture.*

*…*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Inti qed tgħid iva, iva. Mela, ngħid sew illi inti ma xtaqtx tmur il-Qorti u allura ridt illi tlesti l-affarijiet quddiem l-avukat?*

*Ix-Xhud:*
*L-ewwel xewqa tagħna it-tnejn hekk kienet.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Iva. Imma naħseb anke l-aħħar waħda, għax fil-fatt quddiem dik l-avukat, wara li qaltlek mur sib avukat miljun darba, inti għidtilha le, hi xehdet ukoll fix-xhieda tagħha illi ma kienx hemm l-ebda, nista' qalet ma kien hemm l-ebda panic, qalet ma kien imbeżża' minn xejn,. Anzi ried jissepara, u jiġifieri konsapevolment, illi m'intix dieħel il-Qorti meta stajt tidħol il-Qorti, għażilt li tagħmel dak il-kuntratt. Ngħid sew?*

*Ix-Xhud:*
*Id-deċiżjoni tiegħi li kelli nagħmel dak il-kuntratt, għażilt biex nagħmel dak il-kuntratt għax ma stajtx nagħmel mod ieħor.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Le … le, stajt tagħmel mod ieħor.*

*Il-Qorti:*
*X' kien il-mod l-ieħor?*

*Ix-Xhud:*
*Stajt, imma l-mod l-ieħor kien li nfittex parir t' avukat.*

*…*

*Ix-Xhud:*
*Imbagħad, qed nassumi li kien jiġri hi kienet tfittex avukat, jew lil Dr Vella jew xi ħaddieħor, u imbagħad iż-żewġ avukati jippruvaw jitkellmu biex jaslu b' mod bonarju, imbagħad jekk ma tasalx b'mod bonarju imbagħad tmexxi bil-Qorti.*

...

*Il-Qorti:*
*Iġifieri nkun korrett nifhem illi t-theddida tagħha kienet, mela all right immorru il-Qorti; hux hekk? Jien biex nipprova nifhem.*

*Ix-Xhud:*
*F'dik l-istanza eżatt."*

(fol 270-272)

91. Illi b'referenza għal dak appena riportat, din il-Qorti tosserva illi l-fatt li persuna tgħid lill-persuna oħra li ser tirrikorri u tmur il-Qorti, bl-ebda mod ma għandha titqies bħala vjolenza morali fit-terminu legali u ġuridiku.

92. Illi fl-istess xhieda mogħtija in kontro-eżami, r-rikorrenti jsostni:

*"Il-Qorti:*
*Allura inkun korrett nifhem li waħda mir-raġunijiet għaliex ħadt din id-deċiżjoni hija biex ma tkissirx it-tfal.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt*

...

*Dr. Deborah Schembri:*
*Okay. Ngħid sew illi inti dal-kuntratt, ħadd ma sfurzak tiffirmah?*

*Ix-Xhud:*
*Fiżikament?*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Le, xi ħadd sfurzak?*

*Il-Qorti:*
*Ħa nibdew fiżikament.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Ħa nibdew waħda waħda.*

*Il Qorti:*
*Eżatt, fiżikament, physically.*

*Ix-Xhud:*
*Fiżikament le.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Okay. Issa, mhux fiżikament.*

*Ix-Xhud:*
*Meta qed ngħidu fiżikament iġifieri;*

*Il-Qorti:*
*Physically, iġifieri xi ħadd, qabdek u ħadek tiffirmah.*

*Ix-Xhud:*
*Le, le eżatt le.*

*Dr. Deborah Schembri:*
*Le.*

*Il-Qorti:*
*Daka żgur naqblu x'jismu. Mentalment, u psikoloġikament kien hemm xi ħadd li ġiegħlek tiffirmah ? Dik, I' m trying to.*

*Ix-Xhud:*
*Eżatt. It-theddid u.*

*Il-Qorti:*
*Iġifieri inti t-theddid li kien wasslek biex tiffirma l-kuntratt."*

(fol 274 et seq u fol 276-276 et seq)

93. Din il-Qorti tosserva illi r-rikorrent, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jsostni illi s-separazzjoni bejn il-kontendenti saret f'perjodu qasir. Infatti huwa jgħid:

> *"l-istadju kruċjali tal-affidavit tal-esponenti, ikkonfermat ukoll fix-xhieda tiegħu viva voce kif ukoll in kontro-eżami, huwa l-perjodu relattivament qasir ta' 7-8 ġimgħat bejn meta l-esponenti kien informa lill-konvenuta illi qiegħed iħossu aktar 'gay' sad-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni"* (fol 304).

Illi kif jirriżulta mill-provi, senjatament mill-affidavit tal-konvenuta, r-relazzjoni u ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa fis-17 ta' Ġunju 2018 u dan meta l-attur kien stqarr ma' martu l-konvenuta l-orjentazzjoni sesswali tiegħu u ċioe' illi kien qiegħed iħossu omosesswali. Madanakollu, a differenza ta' dak li qiegħed isostni l-attur, l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni sar fit-3 ta' April 2019. In oltre, kif jirriżulta anke mill-qari tal-istess kuntratt, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet tat id-digriet li permezz tiegħu awtorizzat il-partijiet sabiex jipproċedu għas-separazzjoni fid-29 ta' Novembru tas-sena 2018. Għaldaqstant, jidher illi kienu għaddew numru ta' xhur minn meta l-partijiet temmew ir-relazzjoni tagħhom, minn meta kien hemm id-digriet tal-Qorti u minn meta finalment sar il-kuntratt in kwistjoni.

94. Dan jinsab ikkonfermat mill-atttur stess fejn fix-xhieda tiegħu huwa jispjega illi:

> *"Il-Qorti:*
> *U allura biex nifhem jien, dejjem biex nifhem the time line, il-kuntratt ta' separazzjoni imbagħad ġie ffirmat wara dawn?*
>
> *Dr. Deborah Schembri:*
> *Xi tmien xhur wara ngħid sew?*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Għal xi April xi ħaġa hekk eżatt.*
>
> *Dr. Deborah Schembri:*
> *April, aħna qegħdin nitkellmu iġifieri xi October, xi October;*
>
> *Il-Qorti:*
> *Iġifieri dan kollu ġara fil-bidu meta bdew jinqalgħu l-problemi u inti ridtu tisseparaw u bdejtu id-diskussjonijiet. Eventwalment, il-kuntratt ġie iffinalizzat xi eight months later.*
>
> *Ix-Xhud:*
> *Eżatt."*
>
> (fol 267 et seq)

95. Fid-dawl ta' dan kollu hawn fuq delineat, din il-Qorti ma tqisx illi ġiet provata mir-rikorrent il-vjolenza illi allegatament wasslitu sabiex jiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni. Illi kif tipprovdi l-ġurisprudenza stat ta' ansjeta' u turbulenza mhux biżżejjed biex iqanqal vjolenza u vizzju tal-kunsens.

**Ikkunsidrat**

96. Apparti dak fuq ġia kkunsidrat, fl-ewwel talba tiegħu, l-attur isemmi wkoll illi l-kunsens kien ivvizjat minħabba n-nuqqas ta' għarfien ta' fatti li ġew a konjizzjoni tiegħu wara li ġie ffirmat l-istess kuntratt ta' separazzjoni.

97. Kemm fir-rikors promutur kif ukoll fl-affidavit tiegħu, l-attur isemmi illi hu kien vittma ta' ingann għaliex ma kienx jaf bir-relazzjoni adultera tal-konvenuta. Illi fl-affidavit tiegħu, r-rikorrent isostni illi:

> *"Allura huwa ovvju s-suspett jekk Cynthia kienitx diġa' qiegħda f'relazzjoni ma' Alistair waqt iż-żwieġ iżda li hu żgur li bdiet miegħu, kif fuq spjegajt, qabel is-separazzjoni.... u jien ma kont naf b'xejn, għaliex altrimenti ma kontx nibqa' sieket!"* (fol 110).

98. Min-naħa l-oħra, l-konvenuta fl-affidavit tagħha tispjega illi wara li l-attur telaq mid-dar hija kienet għamlet ħbieb ma' ċertu Alistair Spiteri u kienu baqgħu ħbieb għal numru ta' xhur imbagħad wara kienet nibtet relazzjoni ta' imħabba bejniethom. Għaldaqstant, hija tinnega l-fatt illi hija kellha relazzjoni ma' terzi waqt illi kienet għadha fir-relazzjoni mal-attur.

99. Fuq din il-kwistjoni mressqa mill-attur f'parti mill-ewwel talba tiegħu, din il-Qorti tqis illi l-attur tul il-kawża naqas milli jġib prova suffiċjenti illi tikkonferma dak allegat minnu. Għalhekk, fin-nuqqas ta' prova, din il-Qorti ma għandhiex triq oħra ħlief li tiċħad dak allegat mir-rikorrent.

100. Għaldaqstant, kif jidher mir-raġunijiet spjegati hawn fuq, din il-Qorti ma tqis li saret min-naħa tal-attur il-prova rikjesta u neċessarja sabiex tiġi megħluba l-preżunzjoni tal-validita' ta' kuntratt imsejjes fuq il-prinċipju tal-preżunzjoni li l-partijiet volontarjament ftehmu dak li jirriżulta mill-kuntratt.

101. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel żewġ talbiet tal-attur.

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-ewwel u t-tieni talba tal-attur filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet tal-attur.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom ikunu kollha a karigu tal-attur.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**